**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 212/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**ROMAN GUSMAN**

**Illum, 14 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ROMAN GUSMAN** ta' detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 053779M, imwieled ġewwa Attard nhar l-14 ta' Diċembru 1978 u residenti fil-fond bin-numru 83, 'Mark', Triq Azzopardi, Marsa, li ġie akkużat talli nhar it-18 ta' Novembru 2022 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel ġewwa r-Rabat (Malta) u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti

magħmula minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1) Kellek fil-pussess tiegħek animal perikoluż, cioe' *Chlorocebus* fejn ma kienx reġistrat biex izomm, u dan bi ksur tar-Regolament 4(2)tal-L.S.439.19 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Akkużat ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żammejt annimal perikoluż cioe' Chlorocebus f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1) tal-L.S.439.19 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Akkużat ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żammejt annimal perikoluż cioe' Chlorocebus mhux gewwa stabbiliment Zoologiku, u dan bi ksur tar-Regolament 3(2) tal-L.S 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Akkużat ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żammejt annimal perikoluż cioe' Chlorocebus f'magħlaq li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-L.S 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, żammejt f'xi fond arma tan-nar u munizzjon, liema fond ma kienx dak speċifikat u cioe' 83, 'Mark,' Triq Azzopardi, Marsa u ma żammejtx din l-arma u jew munizzjon maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li żammejt arma tan-nar kargata u dan bi ksur ta' kap 480 art 5(3)(a) tal-Liġijiet ta' Malta;

6) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellek fil-pussess tiegħek arma tan-nar u/jew munizzjon barra mil-fond imsemmi fil-liċenzja maħruġa mill-Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta

7) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala detentur ta' liċenzja

taħt xi disposizzjoni ta' dan l-Att dwar l-armi inqast milli tħares il-pattijiet tal-liċenza jew li kellek fil-pussess jew kont iġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja maħruga lilek, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta

8) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bħala pussessur ta' liċenzja taħt l-Artikolu 27 (1) tal-Kap 480 inqast li tħares il- kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-liċenzja;

9) Akkużat ukoll talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li għandek liċenzja biex iżomm jew biex ikollok f'idejk jew fuqek arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammejtx fil-kustodja tiegħek l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 47(1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

10) Ma żammejtx fil-pussess tiegħek, u għaż-żmien kollu li eżemplari li l-importazzjoni tagħhom taqa taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, u cioe' Green Monkey (Chlorocebus sabaeus) kienu fil-pussess tiegħek, kull permess, ċertifikat u liċenzja li kellhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dawk l-eżemplari u dan bi ksur ta' regolament 7 tal- Legslazzjoni Sussidjarja 549.38 tal-Liġijie,t ta' Malta;

11) Xtrajt, offrejt biex tixtri, xi eżemplari bi ksur ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament Prinċipali (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 338/97 dwar il-Ħarsien ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jiġi regolat il-kummerċ tagħhom) u dan peress illi inqast milli tipprova għas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni, u cioe' Green Monkey (Chlorocebus sabaeus,) li huma inklużi f'Anness B, kienu nkisbu u, jekk kienu joriġinaw minn barra il-Komunita', li kienu ġew introdotti fiha, skond il-sussegwentament bi ksur tar-Regolamenti 8(1)(j) 7 tal-

Legislazzjoni <u>Sussidjajra 549.38 tal-Liġijiet ta' Malta</u>

12) Inqast milli żżomm fil-pussess tiegħek xi permess, ċertifikat jew liċenzja skond il-provvedimenti tar-regolament 7 tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora u dan bi ksur ta' regolament 8(1)(p) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.38 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi barra li tagħti l-piena ai termini tal-Artikolu 51(9) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taht l-Att dwar l-Armi ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna il-konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifika miż-żamma jew ksib ta' xi warrant, liċenzja, permess jew awtorita' skont ir-Regolament 16 tal-L.S. 439.19.

Il-Qorti hija mitluba wkoll illi barra milli timponi l-piena taħt regolament 8(2) tal-A.L.236 tal-2004 hekk kif emendat (L.S. 549.38), tordna l-konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifika miż-żamma jew il-ksib ta' xi warrant, liċenzja, permess jew awtorita' għall-żmien mhux anqas minn sena, dan bis-saħħa ta' regolament 8(4) tal-istess regolamenti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba illi fil-każ li ma jkunx hemm sejbien ta' ħtija, tordna il-konfiska tal-ezemplari skond il- provvedimenti ta' artikolu 23 (3) tal-Kodiċi Kriminali.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tal-10 ta' April 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli b'diversi reati taħt ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi (Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19[1]) kif ukoll b'reati taħt l-Att dwar l-Armi (Kap. 480) u r-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċita' Fawna u Flora (L.S. 549.38).

L-akkużi taħt il-L.S. 439.19 huma msejsin fuq il-premessa li l-imputat żamm fil-pussess tiegħu annimali perikolużi ġewwa r-Rabat, Malta, fit-18 ta' Novembru 2022 u x-xhur ta' qabel mingħajr ma kien reġistrat biex iżomm annimali perikolużi u mingħajr ma l-post fejn instabu l-annimali kien reġistrat

[1] Avviż Legali 46 tal-2019.

biex jinżamm fihom dawn l-annimali, kollox bi ksur tar-regolamenti in diżamina. Dawn l-annimali huma primati, speċi ta' xadina, li fl-akkużi ġew deskritti bħala tal-ġenru '*chlorocebus'* jew '*chlorocebus sabaeus'* u hija t-teżi tal-Prosekuzzjoni li din l-ispeċi ta' xadina taqa' fid-definizzjoni ta' annimal perikoluż taħt l-Iskeda B tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 u konsegwentement, taqa' biex tiġi regolata minn dawn ir-Regolamenti.

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi fit-18 ta' Novembru 2022 waqt spezzjoni li twettqet mill-uffiċjali tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja u uffiċjali tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Rizorsi ġewwa razzett fl-imwarrab tar-Rabat, insabet gaġġa kbira li fiha kien hemm għadd ta' xadini u nsabu wkoll iktar xadini f'gazebo fl-istess proprjeta'. B'kollox waqt l-istess tfittxija insabu sitt xadini u dawn ġew konfiskati. Insabu wkoll fuq il-post numru ta' nagħaġ u mogħoż, wieħed u għoxrin (21) b'kollox, li ma kienux reġistrati u għalhekk kienu bla identifikazzjoni.

Minn dan hu ovvju li l-każ kontra l-imputat in kwantu l-ksur tar-regolamenti taħt il-L.S. 439.19, jistrieħ fondamentalment fuq id-determinazzjoni jekk ix-xadini li allegatament instabu fil-pussess tiegħu, humiex effettivament annimali perikolużi għall-fini tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja. Madankollu, id-difiża sollevat l-eċċezzjoni *ne bis in idem* in kwantu għall-ewwel erba' imputazzjonijiet fiċ-ċitazzjoni, liema eċċezzjoni, billi hija perentorja tal-azzjoni, il-Qorti tqis li għandha tiddisponi minnha qabel kull stħarriġ ieħor maħsub għad-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputat għar-reati addebitati lilu.

Id-difiża tikkontendi li kien hemm ostakolu insormontabbli għat-teħid ta' azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat għar-reat ta' pussess u żamma ta' annimal perikoluż għaliex huwa kien diġa' ġie penalizzat għar-reati marbutin mal-allegat pussess u żamma illegali ta' annimali, u l-każ kien ġie magħluq

definittivament b'dan illi ma setax jerġa' la jiġi mixli, u wisq anqas ippenalizzat, għall-istess fatti li taw lok għall-akkużi odjerni.

It-teżi tad-difiża hi sempliċi: l-imputat ġie investigat dwar il-pussess u żamma allegatament illegali ta' għadd ta' annimali konsistenti f'xadini, nagħaġ u mogħoż, liema annimali lkoll instabu fl-istess post waqt l-istess tfittxija fit-18 ta' Novembru 2022, u minkejja li l-każ ingħalaq definittivament permezz tad-deċiżjoni li l-imputat jiġi penalizzat amministrattivament in kwantu għax-xadini, kif ukoll permezz tal-ftehim konkluż fit-28 ta' Novembru 2022 fejn l-imputat kien aċċetta l-konfiska tan-nagħaġ u l-mogħoż u d-distruzzjoni tagħhom[2], xorta waħda ġie mixli b'akkużi kriminali dwar l-istess investigazzjoni li kienet ngħalqet kif appena msemmi.

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem*, li jikkristallizza d-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn, jinsab rikonoxxut u kristalizzat mhux biss fid-dritt penali domestika, ċioe' fil-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) iżda wkoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali ('il-Konvenzjoni Ewopeja'). Iżda hemm distinzjoni netta bejn dan il-prinċipju kif inhu imfassal fil-Kodiċi Kriminali, u dak imħares mill-Kostituzzjoni, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba' artikolu tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni. Filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirreferi ghall-"*istess fatt*", l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u d-dispożizzjoni korrispondenti taħt il-Konvenzjoni Ewropea jirreferu ghall-"[istess] *reat*".

L-artikolu 527 tal-Kap. 9 jiddisponi:-

[2] Kif ukoll aċċetta li jħallas l-ispejjeż kollha marbutin mal-konfiska u qatla.

"*Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.*"

L-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi:-

*(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat...*

Imbagħad, l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Kap. 319 (l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea) jiddisponi:-

"*1. Hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta` dak l-Istat.*"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Robert Ciantar vs Onorevoli Prim Ministru**[3] qalet hekk b'riferenza għad-dritt sanċit mill-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea f'każ ta' persuna li tkun weħlet piena amministrattiva u in segwitu titressaq quddiem qorti mixlija b'reat li jikkonċerna l-istess fatti li taw lok għall-impożizzjoni tal-penali amministrattiva[4]:-

---

[3] Deċiża fit-30 ta' Settembru 2016.
[4]

*"….il-punti krucjali li għandhom jiġu eżaminati sabiex jiġi determinat jekk il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tar-rikorrent humiex leżivi tad-dritt tiegħu kontemplat fl-artikolu fuq ċitat huma, [a] jekk il-multi amministrattivi humiex ta' ċertu entità li jikkwalifikaw bħala ta' natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bħala deterrent u, [b] jekk dawk il-multi kienux diga' ġew imposti fuq ir-rikorrent u kienux għadhom pendenti meta ttieħdu l-proceduri kriminali kontra tiegħu.*

*38. Din il-Qorti kellha digà okkazzjoni li teżamina ċirkostanzi simili fil-każ* ***David Mifsud v. Onor. Prim Ministru et*** *deċiż fl-24 ta' Ġunju 2016. F'dak il-każ ġew identifikati s-segwenti prinċipji in materja applikabbli wkoll għall-każ odjern:*

*" … … … f'każ reċenti* ***Grande Stevens v. Italy****, il-Qorti Ewropea għamlet is-segwenti enunċjazzjonijiet dwar dan id-dritt fundamentali:*

*'220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata……..*

*'221. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, §84]……*

*"……… Omissis ………*

*'229. … … … administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above].*

*Further, in its* ***Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson*** *judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect of the same facts if the first penalty is not criminal in nature*"

Il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet ta-Bniedem, fid-deċiżjoni **Pirttimaki vs Finland** ta' 10 ta' Mejju, 2014 qalet hekk:-

"*Accordingly, the Court took the view that Article 4 of Protocol No. 7 had to be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it arose from identical facts or facts which were substantially the same. It was therefore important to focus on those facts which constituted a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which had to be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings*".

Il-Qorti rat l-atti u x-xhieda. Mix-xhieda tal-Veterinarju Prinċipali Uffiċjali Dr. Duncan Chetcuti Ganado, jirriżulta illi peress li x-xadini li nsabu fil-pussess tal-imputat kienu ġew meqjusa bħala annimali perikolużi, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li dawn jiġu konfiskati u li tiġi imposta piena amministrattiva, in kwantu għax-xadini biss, fis-somma ta' €50,000. Din il-piena amministrattiva, għalkemm intbagħat avviż dwarha lill-imputat fl-24 ta' Novembru 2022[5], baqgħet ma tħallsitx[6].

Il-Qorti rat l-avviż li ntbagħat lill-imputat fl-24 ta' Novembru 2022 u jirriżulta li d-deċiżjoni li tiġi imposta din il-piena amministrattiva ttieħdet taħt dak li hemm maħsub fl-artikolu 47 tal-Kap. 439 (l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-

[5] Paġna 5 ta' Dok. DCGX, u wkoll Dok. DCG2.
[6] Ara email f'paġna 10 ta' Dok. DCGX u xhieda ta' Dr. Duncan Chetcuti Ganado tat-2 ta' Mejju 2023 u 10 ta' April 2024.

Anninali). Dan l-artikolu jipprovdi illi meta d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jkollu tabilħaqq għaliex jifhem illi persuna tkun wettqet reat taħt l-Att jew xi regolament magħmul taħtu, u jkun iktar xieraq li tingħata piena amministrattiva, jista' jinnotifika lill-persuna b'avviż bil-miktub li jkun fih it-tagħrif imsemmi fis-subartikolu (2) tal-artikolu 47[7]. Fil-każ in diżamina, ma jirriżultax illi l-imputat talab lid-Direttur, in segwitu għall-avviż bil-miktub li ġie mibgħut lilu, li l-proċedimenti għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti, kif maħsub fis-subartikolu (3) tal-artikolu 47.

Is-subartikolu (4) tal-artikolu 47 tal-Kap. 439 huwa ċar meta jipprovdi illi **min ma jkunx irid li jittieħdu proċedimenti fil-konfront tiegħu quddiem xi qorti għar-rigward l-allegat reat jew reati msemmija fl-avviż bil-miktub tad-Direttur, għandu jimxi skont id-dispożizzjonijiet tal-istess subartikolu (4)**. Iżda ma jirriżultax illi l-imputat odjern innotifika lid-Direttur b'avviż bil-miktub fiż-żmien stipolat, illi ma jridx li l-proċedimenti għar-rigward tar-reat allegat, isiru quddiem il-Qorti, li ammetta għar-reat, jew li ħallas is-somma ta' €50,000. Dan għall-Qorti jfisser illi xejn ma kien iżomm lid-Direttur li jmexxi 'l quddiem bi proċeduri quddiem il-Qorti għar-rigward ir-reati msemmija fl-avviż bil-miktub, ċioe' l-pussess u żamma ta' annimali perikolużi mingħajr liċenza u f'post mhux awtorizzat.

Din il-konklużjoni hi msaħħha ulterjorment bid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) tal-artikolu 47 tal-Att, li jiddisponi espressament:-

*(7) Meta min lilu jiġi notifikat avviż taħt is-subartikolu (1) ma jammettix ir-reat fi żmien tletin ġurnata wara li jkun ġie notifikat bl-avviż, id-Direttur tas-Servizzi*

[7] Fosthom, id-data u x-xorta tar-reat, sunt tal-fatti li fuqhom tkun imsejsa l-allegazzjoni li jkun sar reat, u l-ammont ta' piena dovut.

*Veterinarji jew id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għandu jibda proċedimenti jew jara li jinbdew proċedimenti quddiem il-Qorti għar-rigward tar-reat allegat.*

U hekk sar fil-każ in diżamina. Iżda, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża, dan ma jfissirx li l-imputat fil-proċeduri odjerni, qed jerġa' jiġi proċessat għall-istess fatti jew reati li dwarhom ġiet imposta fuqu l-multa amministrattiva. Huwa evidenti illi diversament mill-penalitajiet amministrattivi dovuti taħt l-Att dwar it-Taxxa Fuq u-Valur Miżjud[8], fost liġijiet oħrajn fiskali, il-penali li tkun dovuta skont l-avviż bil-miktub taħt l-artikolu 47 tal-Kap. 439 m'hijiex sanzjoni amministrattiva definittiva li, meta tiġi imposta, tkun dovuta b'żieda ma' u bla preġudizzju għat-teħid ta' proċeduri kriminali għar-reati imnissla mill-istess fatti. Dan qed jingħad għaliex l-artikolu 47 tal-Kap. 439 jagħmilha ċar li l-piena amministrattiva li tiġi speċifikata fl-avviż bil-miktub[9], titqies li hija dejn ċivili eżegwibbli favur il-Gvern **biss** meta l-persuna li tkun weħlet din il-multa **tammetti bil-mitkub** għall-akkuża fit-terminu stipolat mil-liġi. Dan ifisser, *a contrariu sensu*, illi meta l-persuna tibqa' ma tammettix b'avviż bil-miktub notifikat lid-Direttur, għar-reati lilu addebitati fl-avviż oriġinali u ma jħallasx lanqas il-multa speċifikata fl-istess avviż entro t-terminu stabbilit, l-avviż bil-miktub tad-Direttur u l-pieni speċifikati fih, ma jibqagħlhom ebda effikaċja, tant illi d-Direttur għandu jieħu ħsieb li jmexxi 'l quddiem il-Qorti il-proċeduri kriminali għar-reati. Kemm hu hekk, is-subartikolu (5) tal-artikolu 47 tal-Kap. 439 jispeċifika illi meta l-persuna tammetti reat, **id-Direttur għandu jimponi fuq dik il-persuna piena ta' flus għar-rigward tar-reat, li jfisser, fil-fehma tal-Qorti illi l-multa titqies li hija definittiva u eseġibbli <u>biss</u> fuq ammissjoni tar-reati permezz tal-avviż bil-**

---

[88] Kap. 406: bħal *late return penalty* u *late payment penalty* u l-imgħaxijiet akkumulati.

[9] Subartikolu (2) tal-artikolu 47, Kap. 439.

**mikub li jiġi notifikat skont kif maħsub fs-subartikolu (4) tal-imsemmi artikolu 47**. Dan hu deżumibbli *a contrariu sensu* mid-dispost tal-artikolu 47(6) tal-Kap. 439 fejn il-liġi tagħmilha ċar illi fin-nuqqas ta' ammissjoni bil-miktub skont il-proċedura maħsuba fl-imsemmi artikolu 47(6), ma jkun jeżisti ebda dikjarazzjoni jew ammissjoni li tiswa skont il-liġi bħala titolu eżekuttiv u lanqas ebda piena li hija dovuta bħala dejn ċivili eżegwibbli favur il-Gvern.

Din il-konklużjoni hija rinforzata ulterjorment b'dak li jingħad fis-subartikolu (3) tal-artikolu 47, li jipprovdi illi meta l-persuna ma tammettix għar-reat iżda titlob lid-Direttur fi żmien tletin ġurnata min-notifika tal-avviż bil-miktub dwar il-piena amministrattiva għar-reati allegati, li huwa jixtieq li l-proċedimenti għall-istess reati isiru quddiem il-Qorti, il-proċediment dwar l-avviż bil-miktub għandu jieqaf u "*ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem bħala li tipprevjeni l-istituzzjoni ta' proċedimenti għar-rigward tar-reat allegat jew tas-sejbien ta' ħtija tal-persuna għar-reat mill-Qorti jew l-impożizzjoni ta' xi piena jew konfiska taħt dan l-Att meta hekk jinsab ħati.*"

Fil-każ in diżamina, ma jirriżultax li l-imputat ammetta għall-allegati reati attribwiti lilu mid-Direttur, jew ħallas il-multa li ġiet speċifikata fl-avviż bil-miktub tal-24 ta' Novembru 2022 u għalhekk, **mhux il-każ illi t-teħid kontrih tal-proceduri kriminali odjerni seħħ wara li gia` ġew imposti multi amministrattivi b'mod definittiv**. Għall-Qorti, dan ifisser illi l-imputat odjern li, kif ġie stabbilit, ma ammettiex għall-akkużi li saritlu fl-avviż bil-miktub (24 ta' Novembru 2022) u lanqas ħallas il-multa fis-somma ta' €50,000, ma jistax jitqies li ġie proċessat permezz tal-avviż bil-miktub fejn ġie speċifikat il-piena amministrattiva dovuta għar-reati allegati taħt l-artikolu 47 tal-Kap. 439.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti tqis illi t-teżi tad-difiza li bit-teħid tal-proċedimenti kriminali odjerni, l-imputat qed jiġi **proċessat għal darb'oħra**

**għall-istess fatti** li diġa' ġie proċessat u penalizzat dwarhom bl-impożizzjoni tal-multa amministrattiva fis-somma ta' €50,000, kienet tkun fejjieda biss kieku l-imputat effettivament ammetta bil-miktub għall-akkużi li jkunu sarulu fl-avviż bil-miktub – f'liema kaz biss tiġi imposta fuqu l-piena ta' flus għar-rigward tar-reat jew reati, liema piena tkun dovuta bħala dejn ċivili eżegwibbli - jew ħallas il-multa amministrattiva li ġiet imposta fuqu bl-avviż bil-miktub tal-24 ta' Novembru 2022.

Għalhekk, billi l-imputat qatt ma ammetta għar-reati addebitati lilu fl-avviż bil-miktub, jikkonsegwi illi ma kien hemm qatt fis-seħħ ebda piena amministrattiva, wisq inqas piena li hija eżegwibbli, lanqas meta ġew istitwiti l-proċeduri kriminali odjerni fil-konfront tiegħu u konsegwentement, l-element tal-ġudikat – element essenzjali għall-konfigurazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* – huwa mankanti.  Bl-istess mod hu mankanti wkoll il-fattur ta' konkorrenza tal-multi amministrattivi u l-potenzjalita' ta' multi imposti mill-qrati kriminali, liema konkorrenza biss tista' twassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem*.

Ikkunsidrat;

Iżda d-difiża ma tieqafx hawn.  Tisħaq ukoll illi magħdud mad-deċiżjoni biex tiġi imposta piena amministrattiva fuq l-imputat għar-reat tal-allegat pussess u żamma tax-xadini bħala annimali perikolużi, ittieħdet ukoll id-deċiżjoni l-oħra għall-konfiska u l-qatla tan-nagħaġ u l-mogħoż.  Tikkontendi illi dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ittieħdu b'mod ħolistiku biex tingħalaq b'mod sħiħ u definittiv l-investigazzjoni dwar l-annimali kollha li nsabu fil-pussess tal-imputat fl-istess post u waqt l-istess spezzjoni li twettqet fit-18 ta' Novembru 2022 u għaldaqstant, l-imputat ma jistax jerġa' jiġi aġġudikat u penalizzat fi proċeduri kriminali – dawk odjerni - li ttieħdu dwar l-istess fatti.  Id-difiża targumenta

wkoll illi fi kwalsiasi każ, l-allegat reati dwar il-pussess u żamma illegali ta' annimali perikolużi, ix-xadini, xprunaw mill-istess fatti konċernanti l-mogħoż u nagħaġ li dwarhom l-imputat kien diġa' ġie penalizzat, u jekk jerġa' jiġi aġġudikat f'dawn il-proċeduri dan ikun qed isir bi ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Il-Qorti diġa' ppronunzjat ruħha dwar l-inapplikabbilita' tal-elementi tal-prinċipju *ne bis in idem* safejn jikkonċerna l-impożizzjoni tal-piena amministrattiva fl-avviż bil-miktub tal-24 ta' Novembru 2022. Safejn il-preġudizzjali ta' ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* jikkonċerna s-sanzjoni imposta in kwantu għan-nagħaġ u l-mogħoż misjuba fil-pussess tal-imputat, minn eżami tal-provi u x-xhieda jirriżulta illi l-investigazzjoni dwar in-nagħaġ u l-mogħoż illegali li nsabu fil-post, tassew ġiet konkluża bi ftehim amministrattiv bejn l-imputat u r-Regolazzjoni Veterinarja, fejn l-imputat aċċetta li jikkonsenja biex jiġu konfiskati, in-nagħaġ u l-mogħoż kollha li kienu miżmumin minnu illegalment u aċċetta wkoll li dawn jiġu konsenjati fil-biċċerija biex jinqatlu. Dan jirriżulta mill-kopja tal-ftehim formanti parti minn Dok. DCGX[10], iffirmat mill-imputat u mir-Regolazzjoni Veterinarja.

Id-difiża targomenta illi s-sanzjoni imposta fuq l-imputat permezz tal-konfiska u l-konsenja tan-nagħaġ u l-mogħoż illegali għall-qatla, hija sanzjoni li ġiet imposta dwar l-istess fatti li taw lok għall-akkużi odjerni dwar il-pussess u ż-żamma ta' annimali perikolużi mill-istess imputat fl-istess post. Targomenta illi l-proċess kriminali odjern dwar ir-reati marbutin mal-pussess u żamma tal-annimali perikolużi, nibet minn fatti sostanzjalment simili għal dawk konċernanti n-nagħaġ u l-mogħoż illegali, għaliex jirrigwardaw l-istess imputat u huma konnessi wkoll ineżorabbilment in kwantu żmien u lok. Targomenta illi konsegwentement, il-fatt illi l-imputat ġie sanzjonat diġa' fir-rigward tal-pussess

[10] F'paġna 5 ta' Dok. DCGX.

u żamma illegali tal-istess nagħaġ u mogħoż, ifisser illi ma jistax jerġa' jiġi proċessat fir-rigward ta' fatti – konsistenti fl-allegat pussess u żamma illegali ta' annimali perikolużi – li huma sostanzjalment l-istess.

Iżda l-Qorti ma taqbilx ma din it-teżi. Filwaqt li tassew l-annimali allegatament perikolużi ġew konfiskati b'effett tal-istess tfittxija li matulha ġew konfiskati wkoll in-nagħaġ u mogħoż, il-liġi timponi sanzjonijiet differenti għall-pussess illegali ta' annimali perikolużi fuq in-naħa l-waħda, u annimali mhux meqjusa bħala perikolużi fuq in-naħa l-oħra. Fil-fatt, fir-rigward tan-nagħaġ u mogħoż miżmuma minnu mhux skont il-liġi, Dr. Duncan Chetcuti Ganado kkonferma fix-xhieda tiegħu illi l-imputat ma weħel ebda piena jew multa in konnessjoni ma' din is-sejba. Iżda anke jekk għal mument it-teżi tad-difiża tingħata fejda u l-konfiska u qatla tal-mogħoż u nagħaġ kellha titqies bħala sanzjoni jew piena, xorta waħda jirriżulta mill-kopja tal-ftehim datat 28 ta' Novembru 2022 - li ma ġietx ikkontestat mill-imputat - li huwa aċċetta mhux biss li ssir il-qatla tan-nagħaġ u l-mogħoż kollha, iżda wkoll li jħallas l-ispejjeż marbuta mal-konfiska u l-qatla "*mingħajr preġudizzju għal xi azzjonijiet oħra li jistħgu jittieħdu fil-konfront tiegħi marbuta mal-istess spezzjoni.*"

Il-Qorti fehmet illi l-aċċettazzjoni tal-imputat li jikkonsenja volontarjament in-nagħaġ u l-mogħoż miżmuma minnu illegalment, għall-konfiska u konsegwenti qatla, u l-aċċettazzjoni li jħallas ukoll l-ispejjeż marbutin mal-konfiska u l-qatla, saret espressament biex ma tkunx ostakolata l-istituzzjoni ta' proċedimenti oħrajn jew l-impożizzjoni ta' xi piena, għar-rigward tar-riżultanzi tal-istess spezzjoni. Għalhekk, anke jekk tabilħaqq il-konfiska u l-qatla tal-mogħoż u nagħaġ jikkostitwixxu sanzjoni amminstrattiva li ppenalizzat lill-imputat għall-illegalitajiet riskontrati waqt l-istess spezzjoni li fiha insabu wkoll l-annimali perikolużi fil-pussess tiegħu, l-imputat innifsu aċċetta li l-proċess ta' sanzjonar in kwantu għar-riżultanzi ta' din l-ispezzjoni, kien għadu mhux konkluż u li l-

konfiska u qatla tan-naħaġ u mogħoż kien jikkostitwixxi biss parti tal-proċess ta' penalizzazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax taqbel li l-imputat b'daqshekk kien ipproċessat u penalizzat b'rabta mal-ispezzjoni li fiha nstabu wkoll l-annimali allegatament perikolużi u li b'dawn il-proċeduri odjerni qiegħed jiġi proċessat darbtejn fuq l-istess fatti.

Dan ifisser illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina, ma jistax jingħad illi l-imputat ġie sottopost għal proceduri kriminali meta kien diġa penalizzat jew għaliex kienu ġia' ġew imposti fuqu miżuri punittivi. Kif diġa' ngħad, il-piena tal-konfiska u l-qatla tan-nagħaġ u l-mogħoż u l-ħlas tal-ispejjeż relattivi, ġiet inflitta bl-aċċettazzjoni espressa tal-imputat innifsu li tkun bla preġudizzju għal kull azzjoni oħra li setgħet tittieħed fil-konfront tiegħu marbut mal-ispezzjoni tat-18 ta' Novembru 2022.

Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* m'hijiex f'lokha u sejra tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

Imiss issa li jiġi stabbilit jekk l-ispeċi tax-xadini li mill-provi jirriżulta li kienu fil-pussess tal-imputat, tiffigurax bħala annimal perikoluż għall-fini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 (Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi).

Ir-regolament 2 jiddefinixxi annimal perikoluż bħala *kull speċi ta' annimal meqjus mid-Direttur bħala perikoluż sew jekk minħabba li jista' jikkawża korriment jew ħsara lill-bnedmin sew jekk xort'oħra.* Imbagħad, is-subregolamenti (3), (4) u (5) tar-regolament 3 tal-L.S. 439.19 jiddisponu li **annimal perikoluż għandu jiġi identifikat bħala tali fil-lista riprodotta fl-**

**iSkeda B**, iżda jekk animal ikun meqjus bħala perikoluż mid-Direttur u dak l-annimal ma jkunx inkluż fil-lista riprodotta fl-iSkeda B, id-Direttur jista joħroġ ordni ta' emergenza u jieħu l-passi meħtieġa biex tali annimal jinżamm fi stabbiliment żooloġiku liċenzjat[11].

Għandu jingħad minnufih illi kif sewwa ġie sottomess mill-abbli difensur tal-imputat, l-ispeċi *Chlorocebus* m'hijiex identifikata fil-lista riprodotta fl-Iskeda B tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi. Il-Qorti fliet din il-lista u mkien ma riskontrat l-isem *Chlorocebus* jew l-isem *Chlorocebus sabaeus* u lanqas l-isem *Green Monkey* li jissemma fl-imputazzjonijiet bin-numru 10 u n-numru 11.

Il-Qorti tosserva illi d-definizzjoni ta' annimal perikoluż tinsab biss fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 u din id-definizzjoni hija marbuta intrinsikalment mal-lista eżawrjenti li hija riprodotta fl-Iskeda B, b'dan illi jekk l-isem xjentifiku jew l-isem komuni tal-annimal m'huwiex kompriż f'din il-lista, l-annimal in diżamina ma jistax jitqies bħala annimal perikoluż għall-fini tar-Regolamenti li l-imputat qed jiġi akkużat bil-ksur tagħhom. Huwa minnu li l-proviso tas-subregolament (4) tar-regolament 3 tal-L.S. 439.19 jipprovdi li jekk animal ikun meqjus bħala perikoluż mid-Direttur u dak l-annimal ma jkunx inkluż fil-lista riprodotta fl-iSkeda B, id-Direttur jista joħroġ ordni ta' emergenza li għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, biex l-annimal jitqies bħala annimal perikoluż u dik l-ordni kif ippubblikat għandu jkollha l-istess effett daqslikieku l-animal perikoluż kien inkluż fil-lista riprodotta fl-iSkeda B. Madankollu, la ġie asserit u lanqas ippruvat illi fiż-żmien tar-reati addebitati lill-imputat taħt ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi, kien inħareġ mid-Direttur ordni ta' emerġenza għall-fini

[11] Din l-ordni ta' emerġenza għandha tkun ippublikata fil-Gazzetta u għandha tidħol fis-seħħ minnufih.

tar-regolament 3 li ġie pubblikat fil-gazzetta tal-Gvern. Konsegwentement, l-ispeċi *Chlorocebus* li nsabet fil-pussess tal-imputat ma tistax titqies bħala speċi ta' annimal perikoluż lanqas taħt ir-regolament 3(4)(5) u (6) tal-L.S. 439.19.

Għaldaqstant, billi l-ewwel erba' imputazzjonijiet jaddebitaw lill-imputat il-ksur tar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi u għall-prova tal-ħtija, tinħtieġ il-prova li l-annimali li dwaru qed jiġi allegat il-ksur huma annimali perikoluż – prova li hija mankanti – l-imputat ma jistax jinsab ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru wieħed, tnejn, tlieta u erbgħa.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bil-ksur ta' diversi dispożiżżjonijiet taħt l-Att dwar l-Armi (Kap. 480) b'rabta ma' arma tan-nar li insabet ġewwa razzett f'għalqa fir-Rabat, fejn twettqet l-ispezzjoni fit-18 ta' Novembru 2022.

Mill-provi jirriżulta[12] illi l-imputat għandu liċenza għaż-żamma ta' kollezzjoni ta' armi (Collector Licence B) biex iżomm ħames armi tan-nar, fosthom senter (shotgun) tal-għamla Fabarm, Firearm Number 9007185, ġewwa l-fond 'Mark', Triq Azzopardi, Marsa.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PC 451 Aaron Bugeja u PS 1049 William Grech illi matul l-ispezzjoni fuq imsemmija, insabet arma tan-nar tal-għamla Fabarm, bis-serial number 9007185 li kienet fil-ġenb tal-kamra u mhux maqfula, iżda ma kienetx ikkargata u ma kellha ebda munizzjon ġo fiha. Din l-arma ġiet elevata[13]

[12] Ara xhieda ta' PS 2256 Leanne Sant, 5 ta' Ottubru 2023.
[13] Ara riċevuta Dok. EM1.

u ġiet esebita formalment flimkien mal-*pocket* tagħha tad-ditta Beretta, fl-atti proċesswali (Dok. EM3)[14].

Il-fatt illi l-arma tan-nar liċenzjata f'isem l-imputat Roman Gusman, insabet mal-ġenb tal-kamra ġewwa fond fir-Rabat, Malta, u mhux fil-kustodja tal-imputat u lanqas fil-fond speċifikat fil-liċenza, ċioe' 'Mark', Triq Azzopardi, Marsa, jikkostitwixxi prova suffiċjenti tal-ħtija tal-imputat għall-ksur ravviżat taħt l-artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 480, u l-artikolu 47(1) tal-Kap. 480 li jaħseb għall-obbligu li l-arma tinżamm fil-kustodja tal-imputat u maqfula f'post sigur b'mod li ma tistax tiġi f'idejn ħaddieħor. F'dawn l-istess nuqqasijiet huma riskontrabbli wkoll l-elementi materjali tar-reat konsistenti fil-ksur tal-kundizzjoni tal-liċenza Dok. LS1 li l-arma tan-nar tinżamm fil-fond speċifikat fil-liċenza, liema ksur jikkostitwixxi r-reat taħt l-artikoli 27(1) u 52 tal-Kap. 480.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll bi ksur ta' diversi regolamenti taħt il-Leġislazzjoni Sussidarja 549.38 (Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora).

Fl-imputazzjoni bin-numru għaxra (10) ġie mixli bil-ksur ravviżat fir-regolament 7 tal-L.S. 549.38 :-

*7. Kull min ikollu fil-pussess tiegħu xi eżemplari li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt dawn ir-regolamenti għandu jżomm fil-pussess tiegħu, u għaż-żmien kollu li dak l-eżemplari jkun fil-pussess tiegħu, kull permess, ċertifikat u liċenza li jkollhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dak l-eżemplari.*

---

[14] Ara xhieda tal-Ispettur Elliot Magro, 5 ta' Ottubru 2023

Issa l-Qorti fehmet illi r-regolamenti in dizamina, (Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora), jikkonċernaw '*ir-Regolament Prinċipali*' li fir-regolament 2 tal-L.S. 549.38 huwa definit bħala *'ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 338/97* dwar il-ħarsien ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġ billi jiġi regolat il-kummerċ tagħhom*'. Għalhekk,ħ biex l-eżemplari fil-pussess tal-imputat jitqies li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt ir-regolamenti tal-L.S. 549.38, dan irid ikun imsemmi fl-Anness B tar-Regolament Prinċipali.

Madanakollu, l-ispeċi msemmija fl-imputazzjoni, *Chlorocebus sabaeus* jew *Green Monkey*, imkien ma jissemmew fir-'*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 338/97 dwar il-ħarsien ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġ billi jiġi regolat il-kummerċ tagħhom*', lanqas fl-Anness B tal-istess Regolament. Għalhekk, mhux ippruvat kif imiss illi l-imputat kellu bżonn ikollu fil-pussess tiegħu xi permess, ċertifikat jew liċenza li għandhom x'jaqsmu mal-eżemplari li nsab fil-pussess tiegħu fit-18 ta' Novembru 2022.

Fir-rigward tal-imputazzjoni bin-numru ħdax, billi l-ksur tar-regolament 8(1)(j) u (7) tal-L.S. 549.38 ukoll jistrieħ intrisikalment fuq l-inklużjoni tal-eżemplari li allegatament inxtara mill-imputat, fl-Anness B tar-Regolament Prinċipali (*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 338/97 dwar il-ħarsien ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġ billi jiġi regolat il-kummerċ tagħhom*), il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tistabbilixxi konsklussivament li l-eżemplari in diżamina huwa elenkat fl-imsemmi Anness B. Madanakollu, kif diġa' ġie stabbilit, l-Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 338/97 imkien ma jsemmi l-ispeċi bl-isem *Chlorocebus sabaeus* jew *Green Monkey.*

Magħdud dan ukoll il-fatt illi l-imputat ġie mixli li kkommetta r-reat fit-18 ta' Novembru 2022 u fix-xhur ta' qabel. Dan ifisser illi l-parametri taz-zmien tar-

reat kif imsemmi fic-ċitazzjoni ma jistħgux jiġu estiżi biex jirriferu għal reat li ġie kommess fis-snin ta' qabel is-sena 2022. Iżda ma nġiebet ebda prova li turi illi l-imputat xtara dan l-eżemplari fis-sena 2022 – għall-kuntrarju, dan ġie eskluż mill-imputat li kien stqarr mal-uffiċjali tad-Direttorat li wettqu l-ispezzjoni fit-18 ta' Novembru 2022 illi kien xtara l-eżemplati ħmistax-il sena qabel.

Għalkemm mill-provi huwa stabbilit li l-imputat ma kellu ebda ċertifikat, permess jew liċenza li għandha x'taqsam mal-importazzjoni tal-eżemplari ossia x-xadini li nsabu fil-pussess tiegħu (*Chlorocebus sabaeus / Green Monkey*), kif rajna, din l-eżemplari m'hijiex imsemmija fl-Anness B u għalhekk, mhux meħtieġ li l-persuna li jkollha fil-pussess tagħha din l-eżemplari żżomm fil-pussess l-liċenzi u ċertifikati dwar l-importazzjoni tagħha.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati għall-imputazzjonijiet dwar ir-reati taħt il-L.S. 549.38.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali mhux netta tal-imputat, li diġa' nsab ħati għal reati taħt l-Att dwar l-Armi, kif ukoll, fl-istess ħin, l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni fejn l-istess att jikser iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi u għalhekk sejjer jinghata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx ħtija fl-imputat għar-reati addebitati fl-imputazzjonijiet 1, 2, 3, 4, 10, 11 u 12, wara li rat l-artikoli 5(3)(a), 27(1), 47(1), 51(9) u 52 tal-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta), ssib lil ROMAN GUSMAN ħati tal-imputazzjonijiet bin-**

**numru 5, 6, 7, 8 u 9 u tikkundannah multa komplessiva ta' elf Euro (€1,000).**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-konfiska tal-arma tan-nar tal-għamla Fabarm, bis-serial number 9007185.**

**Tordna wkoll is-sospensjoni tal-liċenza maħruġa taħt l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Armi), u tipprojbixxi lill-ħati milli jkollu xi liċenzja taħt l-imsemmi Att, għal zmien sena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**